# XEWQTI.....

Lil ħabibi Anatole Borg.

*Meta mmut u tkunu f'festa,*
*Fit-tbahrid ilkoll mitlufa,*
*Tiqfux taħsbu kif minn fostkom*
*Ruħ ta' sieħbkom sfat maħtufa;*

*Imma iżfnu, idħku u ċapċpu*
*Għannu, għajtu w ixxalaw:*
*Mill-inbid, nessej tad-dwejjaq,*
*Tibqgħux lura, — ħudu! — isaw!*

*Meta l-għeja taħkem lilkom,*
*U fid-dwejra lkoll tinġabru;*
*Tħossux l-għira għal min waħdu*
*Qiegħed hieni ġewwa qabru.*

*Għalkemm ġebla mħadda għandu,*
*Bħala mitraħ daqsxejn trab;*
*Hofra żgħira hi kamartu;*
*Imma x'serħ ġo fih jinsab!...*

*Meta l-oqbra tiġu żżuru*
*U xi fjur tqegħdu lill-ħbieb...*
*Tqegħdux lili ward tal-ġonna,*
*Iżda biss ward minn tal-ħsieb.*

*Jekk fuq qabri xi ħadd jersaq,*
*Nitlob lilu jżomm is-skiet;*
*Ma rridx kliem ta' ħasra u ħniena...*
*Hallu 'l-mejjet jgħix fil-kwiet!*

LINO FARRUGIA BONNICI,
(Student Kors tax-Xjenza)